# Il-Ħadd 28.01.2018

1. It-Tnejn 29/01:
   - Fis-7:15pm jiltaqa' il-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

2. Il-Ħamis 01/02:
   - Fis-7:30pm - Laqgħa għall-Ġenituri ta' dawk it-tfal li se jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof matul din is-sena. Din ser issir fil-Museum tal-Bniet.

3. Il-Ġimgħa 02/02, **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**
   **u Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju - Il-Gandlora**:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm - Konfessur għall-Qrar.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa bit-tberik tad-dawl u b'talb għar-reliġjużi,
     jiġifieri għas-sorijiet u l-patrijiet li qed iħaddnu l-Ħajja Kkonsagrata,
     f'dan il-jum iddedikat għalihom.
   - Fis-7:00pm - Adorazzjoni.
   - Fit-8:00pm - Laqgħa għaż-Żgħażagħ fil-Museum tas-Subien.

4. Is-Sibt 03/02:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.

5. Il-Ħadd 04/02, **Jum il-Ħajja**.
   - Fl-10:00am - Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija.

6. Avviżi oħra:
   - Il-Kap tal-Iskola Primarja ta' Ħal Safi tavża lil dawk il-ġenituri
     li għandhom it-tfal li twieldu fis-sena 2015, u bejn Jannar u April tal-2016,
     biex matul dan ix-xahar ta' Frar imorru jiktbuhom għall-iskola.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 10 mill-envelopes tal-Istrina.
   - € 140 mill-lotterija b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti tar-restawr.
   - € 80 bħala donazzjonijiet bl-istess għan. Grazzi mill-qalb.

8. Nitolbu għal John Busuttil u Elizabeth Zammit
   li għaddew għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
   Agħtihom o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...